MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 815/2009

**Vodafone Malta Limited (C10865)**
**vs**
**Albert Fiorentino (ID153061M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ erba’ mija, tnejn u sebghin ewro u disgha u sebghin ewro centezmu (€472.79) rapprezentanti bilanc ta’ prezz in konnessjoni ma’ servizzi ta’ *internet* rezi mis-socjeta’ attrici lill-intimat.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallasdiversi drabi baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax mid-data meta l-ammont

pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut fil-5 ta' Frar, 2010 mill-Avukat Dr. Nadia Vella u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------